MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Numru. 326/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Simon Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Simon Muscat, bin Joseph u Carmen neé Borg, imwieled fit-2 ta’ Frar 1975 u residenti fil-fond numru 235, Rome, Triq D’Argens, Gzira, Malta u/jew 132, Triq ir-Rebha, Gzira, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 119575(M) li

gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Awwissu 2009 ghal habta ta' 13:40hrs gewwa l-Bajja tal-Blue Lagoon, Kemuna, kien qed isuq opra tal-bahar S 8452 minghajr ma hija registrata mal-MMA kif ukoll minghajr polza tal-assikurazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lil Patrick Pollacco jixhed f'dawn il-proceduri;

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda prova;

**Ikkunsidrat**

Illl fir-rigward tal-imputazzjoni rigward li l-opra tal-bahar in kwistjoni ma kienitx registrata, jirrizulta li l-opra tal-bahar kellha diga numru ta' registrazzjoni u li din *semmai* ma kinitx giet mgedda u b'hekk l-imputat qed jigi liberat mill-imputazzjoni li tirrigwarda li l-opra tal-bahar in kwistjoni ma kienitx registratata mal-MMA.

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni rigward nuqqas ta' polza ta' assikurazzjoni, din tirrizulta ppruvata u b'hekk il-Qorti, wara li rat Regolament 43 tal-Legislazzjoni Sussidarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef u seba' mitt euro (€ 4,700.00).

*Inoltre*, il-Qorti, wara li rat Regolament 47 tal-Legislazzjoni Sussidarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-hati Simon Muscat jigi immedjatament skwalifikat milli jkollu jew li jikseb xi licenza, u, jew certifikat, u, jew xi permess iehor mahrug mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghal zmien tnax (12) il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------